MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2007

Numru 799/2007

Il-Pulizija
(Sp Anthony Portelli)
vs
Wayne Spiteri, iben Joseph, imwieled Pieta’ fis-16 ta’ frar, 1988

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fiż-Żurrieq, fis-17 ta’ mejju, 2007 irrenda ruħu kompliċi ma persuna jew persuni fir-reat ta’ tentattiv ta’ serq, billi b’xi mod, xjentement, għin jew assista lill-awtur jew l-awturi tar-reat tar-reat, fl-atti li bihom id-delitt ġie ppreparat jew ikkunsmat, u cioe’ tentattiv ta’ serq mill-fond li jinsab fin-numru 3, Sqaq Sant’ Indrija, Żurrieq, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta tiegħu u li kieku ġie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-lok, bil-mezz u

bil-valur li jeċċedi il-Lm100 iżda li ma jeċċedix l-Lm1,000, għad-dannu ta' Rokku Zahra li hu raġel anzjan li għandu aktar minn sittin (60) sena.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' novembru, 2007 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 42(d), 261(b)(ċ)(e), 263, 267, 269(g) u 278(1)(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali.  Rat il-fedina penali netta, l-eta' ta' l-imputat u l-ammissjoni bikrija.  Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------